TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/219/16/S

*Daniel Saliba u Simon Saliba*
*vs.*
*Raymond Micallef eżerċenti l-kummerċ "Triple A"*

Illum 1 ta'Frar,2018.

It-Tribunal:

Ra t-talba ta' Daniel Saliba u Simon Saliba ippreżentata fil-21 ta' Novembru 2016 u r-risposta ta' Triple A (Kurt Micallef u Raymond Micallef) ippreżentata fil-5 ta' Diċembru 2016;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet u l-avukati tagħhom kif ukoll ix-xhieda mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tas-16 ta'Novembru 2017.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu li l-intimat ikun ikkundannat iħallsu l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00) rappreżentanti prezz ta' friġġ li ftit wara li nxtrat, allegatament żviluppat ħsarat li maż-żmien iggravaw.

Illi fir-Risposta, l-intimat eċċepixxa li skont it-*technician* tagħhom, il-friġġ kienet qed tiffunzjona sewwa u sostna li ma kellha ebda difett.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2017, wara li t-Tribunal sema' x-xhieda tar-rikorrent Daniel Saliba u tal-intimat Raymond Micallef, laqa' t-talba tar-rikorrenti li jinħatar espert sabiex jikkonstata l-fatti.

Illi dan ir-rapport sar mill-Inġinier Emmanuel Scerri u huwa datat 29 ta' Settembru 2017. Ir-rapport ġie maħluf fil-5 t'Ottubru 2017 u ppreżentat fir-Reġistru tat-Tribunal dakinhar stess.

Illi x-xhieda tar-rikorrent Daniel Saliba u tal-intimat Raymond Micallef jaqblu fis-sens li l-*fridge* taħdem ċioe tagħmel dak

normalment mistenni minn *fridge*, jiġifieri li tkessaħ l-affarjiet imqiegħdin fiha.

Illi s-sustanza tal-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-fatt li wara xahrejn li nxtrat il-*fridge*, deher xi sadid fil-manku, iżda l-intimat kien biddel il-manku kif mitlub minnu. Wara dan, il-pjanċa tal-ġnub tal-*fridge* kienet bdiet tinfetaħ iżda dak li kien ġie biex jibdel il-bieba kien qal li dak ma kienx fil-fatt difett. Dan irriżulta mix-xhieda ta' Daniel Saliba mogħtija fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2017. Fl-istess seduta, xehed Raymond Micallef li qal li l-ewwel nett, dak li rrefera għalih Saliba ma kienx sadid imma *corrosion* u rigward il-pjanċa, huwa spjega li bejn il-pjanċa u l-intern tal-*fridge* hemm *injection foam* u wieħed ma setax jara kull *wave* li setgħet iffurmat għax din hija pjanċa. In kontro-eżami, Micallef xehed li bilfors li l-*fridge* kienet hekk meta nxtrat.

Illi fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru,2017, il-partijiet iddikjaraw li rċevew ir-rapport tal-espert nominat mit-Tribunal fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2017 u ddikjaraw ukoll li kienu qed jistrieħu fuq il-kontenut tal-istess rapport.

Illi l-espert nominat, ċioe l-Inġinier Emmanuel Scerri, ikkonkluda s-segwenti:

-Illi r-rikorrenti ikkonfermalu li ma kellu ebda ilment rigward il-*performance* tal-*fridge* u li din kienet qed tiffunzjona sewwa;

-Illi minn studju li sar fuq *fridges* tad-ditta "Beko", l-injezzjoni ta' materjal insulattiv iħalli l-*panels* ta' barra deformati u li din id-deformità ssir fl-istadju ta' produzzjoni u għalhekk dan m'hu tort ta' ħadd mill-partijiet *stante* li hija l-fabbrika stess li timmanifattura l-*fridges* b'dan il-mod;

-Illi l-*fridges* kollha tad-ditta "Beko" li ġew investigati juru "*depressions*" u "*bulging*" *stante* nuqqas ta' kwalità li toħroġ mill-metodi tal-produzzjoni;

-Illi fil-każ tal-*fridge* tar-rikorrenti, il-*warping* tal-*panels* ta' barra huwa ikrah meta wieħed iħares lejh ("*eyesore*") iżda ma jaffettwax il-mod kif tiffunzjona l-*fridge*; u

-Illi aktarx il-*fridges* kollha ta' din id-ditta għandhom dan id-difett u huwa probabbli li meta r-rikorrenti ra l-*fridge* fix-*showroom*, din kellha d-difett tal-*warping* imma dak iż-żmien, ma kienx jagħti daqshekk fil-għajn.

Illi fid-dawl tas-suespost, jidher ċar li l-allegat difett huwa biss kożmetiku u ma jaffettwax l-iffunzjonar tal-*fridge*. Għalhekk, it-Tribunal mhux tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta'dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru